

Parti oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Talbiet tal-appellanti

L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

- tannulla d-dispożittiv Nru 1 u Nru 2 tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Mejju 2012 (Kawża T-546/10);
- tilqa' t-talbiet kollha li ġew ippreżentati fl-ewwel istanza;
- tikkundanna lil Lactimilk, SA, għall-ispejjeż tal-appellanti fil-proċeduri.

Aggravji u argumenti prinċipali

L-appellanti ssostni li s-sentenza appellata tal-Qorti Ġenerali għandha tiġi annullata minħabba li l-Qorti Ġenerali żbaljat meta sabet xebh bejn it-trade mark li għaliha saret applikazzjoni mill-appellanti u t-trade marks ta' Lactimilk SA u li għalhekk peress li waslet sabiex issib li kien hemm probabbiltà ta' konfużjoni, applikat b'mod żbaljat l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94. Minħabba illi l-Qorti Ġenerali, b'mod żbaljat, ma qabblitx ma' xulxin l-ispejjeż tat-trade marks kunfliġġenti li għalihom saret applikazzjoni jew li huma rreġistrati (jiġifieri, l-ittri kbar), iżda eżaminat il-probabbiltà ta' konfużjoni bejn iż-żewġ trade marks bi spelling differenti. Għalhekk, il-Qorti Ġenerali kienet żnaturat il-fatti. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali kienet żbaljata meta ppreżumiet li l-enfasi taqa' fuq it-tieni sillaba tat-trade mark li għaliha saret applikazzjoni, minkejja li t-trade mark hija miktuba b'ittri kbar, sabiex, abbażi ta' kif tintfiehmed ukoll bl-Ispanjol, enfasi biss fuq it-tieni sillaba tat-trade mark li għaliha saret applikazzjoni ma tistax tiġi kkunsidrata.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour de cassation du Grand-Duché de Luxembourg fl-20 ta' Lulju 2012 — Caisse nationale des prestations familiales vs Ulrike Wiering, Markus Wiering

(Kawża C-347/12)

(2012/C 287/52)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Cour de cassation du Grand-Duché de Luxembourg

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Caisse nationale des prestations familiales

Konvenuta: Ulrike Wiering, Markus Wiering

Domanda preliminari

Għall-kalkolu tas-supplement għad-differenza eventwalment dovut skont l-Artikoli 1(u)(i), 4(1)(h) u 76 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru°1408/71, tal-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-

applikazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali għall-persuni impjegati, għall-persuni li jaħdmu għal rashom u għall-membri tal-familji] tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità fil-verżjoni emendata tiegħu ⁽¹⁾ u l-Artikolu 10 [(1)(b)(i)] tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 574/72, tal-21 ta' Marzu 1972, li jistipula l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 ⁽²⁾, mill-entità kompetenti tal-Istat tal-post tax-xogħol, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni, bħala allowances tal-familja tal-istess natura, l-allowances kollha li l-familja tal-ħaddiem immigrant tirċievi fl-Istat ta' residenza, f'dan il-każ l-"Elterngeld" u l-"Kindergeld" ipprovduti mil-leġiżlazzjoni Ġermaniża?

⁽¹⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 35

⁽²⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 83.

Appell ippreżentat fis-16 ta' Lulju 2012 mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) tal-25 ta' April 2012 fil-Kawża T-509/10, Manufacturing Support & Procurement Kala Naft vs Il-Kunsill

(Kawża C-348/12 P)

(2012/C 287/53)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellanti: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Bishop u R. Liudvinaviciute-Cordeiro, aġenti)

Partijiet oħra fil-proċedura: Manufacturing Support & Procurement Kala Naft Co., Tehran, Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet tal-appellanti

- tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla), tal-25 ta' April 2012, fil-Kawża T-509/10;
- tiddeċiedi l-kwistjoni b'mod definittiv u tiċħad bħala inammissibbli r-rikors ta' Kala Naft kontra l-atti inkwistjoni tal-Kunsill jew, sussidjarjament, tiċħad ir-rikors bħala infondat;
- tikkundanna lil Kala Naft għall-ispejjeż sostnuti mill-Kunsill fl-ewwel istanza u fil-kuntest ta' dan l-appell.

Aggravji u argumenti prinċipali

Il-Kunsill iqis li s-sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-kawża ċitata iktar 'il fuq hija vvizzjata b'żewġ żbalji ta' liġi u li konsegwentement din is-sentenza għandha tiġi annullata.

L-ewwel nett, il-Kunsill jikkunsidra li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ma ħaditx bħala inammissibbli r-rikors ippreżentat mill-kumpannija Kala Naft, minkejja l-fatt li din il-kumpannija tikkostitwixxi, skont il-Kunsill, entità governattiva Iranjana.

It-tieni nett, il-Kunsill iqis li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li wieħed mill-motivi magħżula sabiex jiġġustifikaw l-impożizzjoni tal-miżuri restrittivi kontra Kala Naft ma kienx suffiċjenti biex jissodifa l-obbligu ta' motivazzjoni u li l-Kunsill kien obbligat jipproduċi provi sabiex isostni ieħor minn dawn il-motivi. Il-Kunsill isostni wkoll li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li element tal-motivazzjoni li jgħid li l-kumpannija Kala Naft kienet tikkummerċjalizza tagħmir għas-setturi taż-żejt u tal-gass li seta jintuża għall-programm nukleari Iranjan ma setax jiġi kkunsidrat bħala li "jipprovdur appoġġ" għall-proliferazzjoni nukleari, mingħajr ma rabtet dan l-element mal-elementi l-oħra tal-motivazzjoni.

Rikors ippreżentat fil-25 ta' Lulju 2012 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Taljana

(Kawża C-353/12)

(2012/C 287/54)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Thomas, D. Grespan u B. Stromsky, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika Taljana

Talbiet

— peress li ma adottatx, fit-termini stabbiliti, il-miżuri kollha neċessarji sabiex tirkupra l-għajjnuna mill-Istat li għet iddikjarata illegali u inkompatibbli mas-suq intern permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 8123, tat-28 ta' Ottubru 2009, dwar l-għajjnuna mill-Istat C 59/2007 (ex N 127/2006 u NN 13/2006) li l-Italja implementat favur Ixfin SpA (notifikata fid-29 ta' Ottubru 2009 u ppubblikata fil-ĠU L 167, 1.7.2010, p. 39), ir-Repubblika Taljana naqset milli ttwettaq l-obbligi tagħha skont l-Artikoli 2, 3 u 4 ta' din id-deċiżjoni u tat-TFUE.

— tikkundanna lir-Repubblika Taljana għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikors tal-Kummissjoni għandu bħala s-suġġett in-nuqqas ta' implementazzjoni mir-Repubblika Taljana tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-għajjnuna mill-Istat fil-forma ta' garanzija mogħtija mill-Ministeru tal-Iżvilupp Ekonomiku biex tkopri self li ħadet Ixfin mill-Banca Apulia SpA.

Il-Kummissjoni tosserva li l-Italja kellha tiżgura l-implementazzjoni tal-obbligu tal-irkupru tal-għajjnuna sal-1 ta' Marzu 2010 u, barra minn hekk, kellha tinforma lill-Kummissjoni dwar il-miżuri adottati sabiex tiġi implementata d-deċiżjoni, sad-29 ta' Diċembru 2009.

Sad-data li fiha ġie ppreżentat dan ir-rikors, il-konvenuta kienet għadha ma adottatx il-miżuri kollha neċessarji sabiex ttwettaq tali obbligi.

Appell ippreżentat fis-27 ta' Lulju 2012 minn Harald Wohlfahrt kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) tas-16 ta' Mejju 2012 fil-Kawża T-580/10, Harald Wohlfahrt vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

(Kawża C-357/12 P)

(2012/C 287/55)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Appellanti: Harald Wohlfahrt (rappreżentanti: M. Loschelder, avukat, V. Schoene, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), Ferrero SpA

Talbiet tal-appellanti

— tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) tas-16 ta' Mejju 2012 fil-Kawża T-580/10 u li tagħti deċiżjoni skont it-talbiet iffornulati mir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali, riprodotti fil-paġna 4 tas-sentenza;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż neċessarji sostnuti mill-appellanti.

Aggravji u argumenti prinċipali

L-UASI u l-Qorti Ġenerali jirrifjutaw ir-reġistrazzjoni tat-trade mark "Kindertraum" għal prodotti fil-klassijiet 16 u 28, li għamlet applikazzjoni għaliha r-rikorrenti u issa bħala appellanti, peress li l-intervenjenti tal-konvenut, proprjetarja tat-trade mark verbali Taljana preċedenti "kinder", fost oħrajn għal prodotti fl-imsemmija klassijiet, għamlet oppożizzjoni.

L-appellanti tinvoka tliet aggravji:

L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 42(2) tar-Regolament Nru 207/2009 ⁽¹⁾

L-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali kkunsidrat li ma jirriżultax stabbilit, fil-mument li ngħatat id-deċiżjoni dwar l-oppożizzjoni, jekk it-trade mark inkwistjoni invokata fl-oppożizzjoni kinitx irreġistrata għal 8 snin jew le. Skont l-Artikolu 42(3) flimkien mal-Artikolu 42(2) tar-Regolament Nru 207/2009, għandu jintwera biss l-użu tat-trade mark invokata fl-oppożizzjoni, jekk kienet ilha ħames snin irreġistrata fil-mument tal-pubblikazzjoni tal-applikazzjoni għal trade mark Komunitarja.